

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL****tat-30 ta' Novembru 2009**

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Seychelles dwar l-eżenzjoni mill-viża għal perjodu qasir**

(2009/900/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-punt 2(b)(i) tal-Artikolu 62, flimkien mal-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni nnegożjat ftehim, fisem il-Komunità Ewropea, mar-Repubblika ta' Seychelles dwar l-eżenzjoni mill-viża għal perjodu qasir (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim").
- (2) Il-Ftehim ġie iffirms, fisem il-Komunità, fit-28 ta' Mejju 2009 u ġie applikat provviżorjament minn dik id-data, suġġett għall-konklużjoni tiegħu aktar tard, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/482/KE <sup>(2)</sup>.
- (3) Il-Ftehim għandu jiġi approvat.
- (4) Il-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt għall-ġestjoni tal-Ftehim, li għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu. Huwa xieraq li jsir provvediment għal proċedura simplifikata għall-istabiliment tal-pożizzjoni Komunitarja dwar l-adozzjoni ta' dawk ir-regoli ta' proċedura.
- (5) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 tal-imsemmi Protokoll, dawn l-Istati Membri mhumiex jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhumiex marbuta minnha jew suġġetti għall-applikazzjoni tagħiha,

**Artikolu 1**

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Seychelles dwar l-eżenzjoni mill-viża għal perjodu qasir <sup>(3)</sup> huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

**Artikolu 2**

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 8(1) tal-Ftehim <sup>(4)</sup>.

**Artikolu 3**

Il-Komunità għandha tkun rappreżentata mill-Kummissjoni, meħejna minn esperti mill-Istati Membri, fil-Kumitat Konġunt ta' esperti stabbilit mill-Artikolu 6 tal-Ftehim.

**Artikolu 4**

Il-pożizzjoni tal-Komunità fi ħdan l-Kumitat Konġunt ta' esperti dwar l-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu skont l-Artikolu 6(4) tal-Ftehim għandha tittieħed mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni ma' kumitat speċjali maħturi mill-Kunsill.

**Artikolu 5**

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fil-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2009.

*Għall-Kunsill**Il-President*

B. ASK

<sup>(1)</sup> Opinjoni tal-20 ta' Ottubru 2009 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Ufficijali).

<sup>(2)</sup> ĠU L 169, 30.6.2009, p. 30.

<sup>(3)</sup> Għat-test tal-Ftehim ara ĠU L 169, 30.6.2009, p. 31.

<sup>(4)</sup> Id-data tad-dħul fis-sejjh tal-Ftehim se tiġi ppublikata fil-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill.